MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2006

Numru 1164/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**

**vs**

**ANTHONY CARUANA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Anthony Caruana, ta' 53 sena, bin il-mejjet Carmelo u Helen nee' Borg, imwieled Valletta nhar l-10 ta' Jannar 1953, li joqghod Blk B, Flt 23, Triq il-Hawha, San Gwann u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 73653(M) gie akkuzat talli:

Nhar it-22 ta' Lulju 2006 u fil-granet ta' qabel din id-data, f'Malta, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'

ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn LM1000 bi hsara ta' Biru Barua, Kamal Ahmed, Moiz Uddin, Mhammed Forid Khan and Mohammed Saokat Hossen.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li hu konsapevoli li l-imputat ghandu stat ta' sahha hazina hafna.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-Artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Anthony Caruana, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li hu konsapevoli li l-imputat ghandu stat ta' sahha hazina hafna u wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Anthony Caruana ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda

ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Anthony Caruana jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Anthony Caruana l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti tordna a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------